**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-12 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru : 248/2018 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**JB**

**Vs**

**U b'digriet tal-31 t'Ottubru, 2018 gew nominati l-Avukat Dr. Benjamin Valenzia u PL Nadine Farrugia bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lil assenti YW.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' JB, datat 20 ta' Settembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti u l-intimata zzewgu nhar it-22 ta' Gunju 2005 gewwa r-Registru Pubbliku l-Belt.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux wlied.*

3. *Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment u dan tort unikament tal-istess konvenuta stante adulterju u abbandun.*

4. *Illi l-konvenuta ghalhekk rrendiet ruhha hajta lejn l-atur ta' servizzi, eccessi u*

*ingurji gravi, adulterju, u qedet f'sitwazzjoni ta' pregudizzju minhabba abbandun.*

5. *Illi kull tentattiv ta' rikonciljazzjoni u medjazzjoni falla fl-attit tal-medjazzjoni 728/18 u l-esponenti gie debitament awtorizzat biex jipprocedi b'kawza ta' separazzjoni personali permezz ta' Digriet numru 1776/18 ta' din l-Onorabbli Qorti tas-16 ta' Awissu 2018.*

*Raguni.*

6. *Illi din il-kawza qieghda issir biex tigi dikjarata u deciza s-separazzjoni bejn il-partijiet ai termini tal-ligi.*

*Talbiet.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara, tiddeciedi u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet esklussivament attribwibbli lill-intimata;*

2. *Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti u l-penalitajiet stabiliti fl-Artikolu 48 u 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Tillikwida u tiddikjara xolta il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti.*

4. *Tiddividi u tassenja l-assi tal-istess komunjoni tal-akkwisti lill-kontendenti f'dak il-proporzjon u b'dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti, okkorendo bil-hatra ta' periti nominandi;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta intimata li hija mharka ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-rikors ta' JB datat 20 ta' Settembru, 2018, a fol 4 et seqq., li permezz tieghu tresseqt it-talba ghall-Kuraturi Deputati biex jirrapresentaw lill assenti YW (vide fol 4);

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati Dr.Benjamin Valenzia u l-PL Nadine Farrugia, in rappresentanza tal-assenti YW, datata 21 ta' Novembru 2018, a fol 15, li taqra hekk:

1. *Illi l-kuraturi deputati mhumiex edotti mill-fatti.*

2. *Il-kurturi deputati jitolbu illi jigi pprezentat ic-certifkat taz-zwieg tal-partijiet.*

3. *Il-kuraturi deputati jitolbu illi jinghataw l-ahhar indirizz maghruf tal-assenti u kull informazzjoni ohra disponibbli sabiex isir kuntatt ma YW.*

4. *Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli skont il-ligi specjalment fil-kaz ta' kuraturi deputati li qed jirrapprezentaw nies assenti (fejn l-istess kuraturi deputati jafu jsiru edotti mill-fatti aktar tard fil-proceduri.)*

Rat illi Dr.Valenzia informa lill-Qorti li kien irnexxielu jikkomunika mal-intimata u verbalment infurmatu illi hija taqbel mal-proposti maghmula mill-kontro-parti u cioe' li l-attur izomm il-proprjeta ta' Malta waqt li hija zzomm il-proprjeta tal-kontendenti f'pajjizha u b'hekk tinqasam u jigi diviz l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet; (vide fol 33 u fol 35 et seqq)

Rat illi l-attur irtira it-tieni talba fis-seduta ta' nhar id-29 ta' Jannar 2021 (vide fol 49);

Rat id-dikjarazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet rigward id-divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti u l-akkonti bankarji tal-partijiet;

Rat id-digriet precedenti taghha datat 17 ta' Gunju 2021 (atti 248/2018/2 JPG) li permezz tieghu il-Qorti laqghet it-talba tal-attur u ordnat:

> ***"… li t-talba tieghu ghas-separazzjoni maghmula fil-kawza odjerna titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Di piu', tirriserva li tipprovdi dwar ix-xoljiment u***

***d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti mal-kawza principali tad-Divorzju, atti numru 248/2018."***

Semghet x-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbali ta nhar id-29 ta' Jannar 2021 u tal-21 ta' Marzu 2022 li permezz taghhom, l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi x'jipproducu jew trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

**JB xehed nhar il-11 ta' Marzu 2019 (vide fol 22)** u esebixxa dokument li jikkostitwixxi prova tal-fond immobbli mixtri bejn il-partijiet fic-C flimkien mat-traduzzjoni tal-istess peress li l-kopja originali hija bil-lingwa Ca.

**Fl-affidavit tieghu l-attur (vide affidavit fol 61)** xehed illi huwa zzewweg lil YW bic-civil, mil-liema zwieg ma kellhomx ulied. Iddikjara illi l-intimata ftit wara z-zwieg, marret tghix lura ic-C u ma rritornatx lura ghal zmien konsiderevoli. Ghalhekk l-attur kien mar ic-C bil-hsieb li jirrikonciljaw izda din ir-rikonciljazzjoni ma rnexxietx. Infatti, l-attur sab illi l-intimata kienet f'relazzjoni ma terza persuna u ma kellha ebda intenzjoni illi tirrikonciljaw mieghu u tirritorna lura Malta. Xehed illi tul iz-zwieg, l-partijiet xtraw fond immobbli flimkien gewwa Malta kif ukoll iehor fic-C, li bi ftehim bejn il-partijiet, qablu illi l-fond residenzjali f'Malta jinzamm mill-attur waqt li l-proprjeta immobbli fic-C tinzamm mill-intimata. Illi di piu', kif skond ftehim bejn il-partijiet kif assistiti, l-istess partijiet qablu li kull parti ghandha tigi assenjata l-akkonti bankarji intestati f'isimha u li jekk jirrizulta *joint bank account*, il-flejjes hemm kontenuti ghandhom jigu divizi fejn il-partijiet (vide fol 49). Finalment iddikjara li ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom u li t-talba ghad-divorzju ghamilha sabiex iz-zewg partijiet jghixu hajja indipendenti minn xulxin.

Da parti taghha, l-intimata permezz tal-Kuratur Dr. Ben Valenzia, indikat illi hija taqbel mal-proposti tal-attur JB, illi l-proprjeta mobbli jew immobbli li huma ntestati f'isem l-attur f'Malta

jigu assenjati lilu, waqt li hija tigi assenjata l-proprjeta mobbli jew immobbli ezistenti fic-C;

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi fuq prodotti jirrizulta illi ftit wara li zzewgu l-kontendenti, l-intimata telqet habta u sabta lura lejn pajjizha u ma regghetx rritornat lura Malta.

Illi l-attur wara li pprova jikkomunika diversi drabi maghha, kien mar ifittixha fic-C u sab li hija kienet gia f'relazzjoni ma terza persuna u ma kellha ebda intenzjoni li tirritorna Malta jew li tirrikoncilja mieghu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux***

***flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 ta' Gunju 2005, liema zwieg jgib certifikat numru 968/2005 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 59). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet, permezz ta' din il-procedura qieghdin ukoll ghal xoljiment u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, liema talba ser tigi indirizzata minn din il-Qorti, ftit aktar il-quddiem f'din is-sentenza. Jirrizulta ampjament mill-provi illi l-kontendenti ilhom jghixu separati de facto ghal snin konsiderevoli, ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati de

facto ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

Ghal rigward tad-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti skond dak ivverbalizzat mill-partijiet u skond in-nota tal-Kuratur Dr. Ben Valenzia li turi korrispondenza mal-intimata, (vide fol 35 et seqq., u b'mod specjali fol 38), il-kontendenti lahqu ftehim illi l-proprjeta mobbli jew immobbli ntestata f'isem l-attur f'Malta tigi assenjata lilu waqt li l-intimata tigi assenjata l-proprjeta mobbli jew immobbli ezistenti fic-C; Di piu' a fol 49, l-attur irtira t-tieni talba tieghu.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tal-attur, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 968/2005 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

2. **Tiddikjara ceduta t-tieni talba;**

3. **Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;**

4. **Tordna d-divizjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti billi l-proprjeta mobbli jew immobbli li hija ntestata f'isem l-attur f'Malta tigi assenjata lil attur waqt li l-intimata qed tigi assenjata l-proprjeta mobbli jew immobbli ezistenti fic-C; Tordna di piu' illi l-akkonti bankarji intestati f'isem l-attur f'Malta jigu assenjati lil attur waqt li l-akkonti bankarji intestati f'isem l-intimata fic-C jigu assenjati lilha; Tordna di piu', illi l-flejjes *f'joint bank accounts,* kemm f'Malta u fic-C, intestati f'isem il-kontendenti, jigu divizi ugwalment bejniethom.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**